**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L–ISKOLA SEKONDARJA 2005**

Taqsima ta' l–Assessjar Edukattiv – Diviżjon ta' l-Edukazzjoni

**Ir–Raba' Sena** **STORJA (ĠENERALI)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** __________________

**SEZZJONI A**

1. **Irrispondi dan l-eżerċizzju billi tpoġġi l-kliem li hawn taħt fil-vojt ipprovdut**.

Parlament, Indipendenti, *Self Government*, Liberta` ta'l-Istampa, Kolonja, Gvernatur, Eletti, L-Ingliżi, Repubblika, President.

Fl-1813, Malta saret ____________________ (1) Ingliża, u baqgħet hekk sa l-1964. Matul il-ħakma Ingliża, Malta kienet immexxija minn uffiċjal li kien jissejjaħ ____________________ (1). Matul l-ewwel ħamsin sena tas-seklu XIX, il-Gvernatur tista' tgħid li kien imexxi dejjem waħdu, iżda fl-1839, il-Maltin ingħataw ____________________ (1).

Fl-1849, ingħata Kunsill tal-Gvern li kien fih għall-ewwel darba xi membri ____________________ (1). Fl-1921 ____________________ (1) tawna l-ewwel Kostituzzjoni tas-____________________ (1). Malta saret stat____________________ (1) fl-1964, u ____________________ (1) fl-1974. Il-Kap ta' l-Istat illum huwa il-____________________ (1) li huwa elett mill- ____________________ (1) Malti.

**(1 x 10 = 10 marki)**

2. **Ħares sewwa lejn dawn l-istampi u wara wieġeb id-domandi kollha**.



2.1 F'dawn l-istampi jidhru erbat irġiel li mietu f'avveniment traġiku. Kif inhu magħruf fl-istorja dan l-avveniment?____________________________ (1)

2.2 Fejn seħħew il-parti l-kbira ta' dawn l-avvenimenti?

____________________________________________

____________________________________________ (1)

2.3 Semmi żewġ kawżi li wasslu għal dan l-avveniment?

____________________________________________ (2)

____________________________________________ (2)

2.4 Kif mietu wħud mill-vittmi ta' dan l-avveniment traġiku? ____________________________________

____________________________________________ (1)

**(Total 17-il marka)**

**SEZZJONI B**

3. **Ħares sewwa lejn din li-stampa u wieġeb id-domandi kollha.**




3.1 Liema bandiera tidher tperper f'din l-istampa?

_______________ (1)

3.2 Għaliex kienet qed tperper fuq Malta f'dak iż-żmien? _______________

_______________ (2)

3.3 X'jissejjaħ il-bniedem li qed tara fl-istampa? _______________ (1)

3.4 Għid minn xiex qed tagħrfu?

_______________ (1)

3.5 X'jissejjaħ il-bini fejn kien jgħix?

_______________ (1)

3.6 X'tip t'armament kbir jidher f'din l-istampa? _______________ (1)

3.7 a) Għid għaliex kien partikulari. _______________ (1)

b) Semmi żewġ postijiet f'Malta fejn kont issib bħalu.

_______________ (1) _______________ (1)

3.8 a) Minbarra ż-żewġ postijiet indikati minnek fid-domanda ta'qabel, l-Ingliżi bnew diversi fortizzi u batteriji oħra. Semmi tlieta minnhom.

_______________ (1) _______________ (1) _______________ (1)

3.9 b) X'użu għandhom illum? _______________ (2)

**(15-il marka)**

---

**SEZZJONI Ċ**

4 **Qabbel dawn li ġejjin. L-ewwel waħda qiegħda tingħata bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Karozzi tal-linja | Valletta - Cospicua | |
| 2 | Servizz tal-lanċa | Valletta - Rabat | |
| 3 | L-*Omnibus* | Valletta - Għawdex | |
| 4 | It-Tram | Diversi Rotot | 1 |
| 5 | Il-Ferrovija | Tas-Sliema - Marsamxett | |
| 6 | Il-Vapur | Valletta | |

**(5 x 1 = 5 marki)**

5. **Ħares sewwa lejn din l-istampa u wieġeb id-domandi kollha.**




5.1 X' tip ta'annimal jidher f'din l-istampa?

_________________________________ (1)

5.2 Ma' liema marda partikulari nassoċjaw dan l-annimal? _________________________ (2)

5.3 Għaliex norbtu din il-marda magħha?

_________________________________

_________________________________ (2)

5.4 Liema tabib Malti nduna b'din il-konnessjoni?

_________________________________

_________________________________ (2)

5.5 X'beda jsir biex tiġi kkontrollata din il-marda?

_________________________________

_________________________________ (2)

5.6 Minbarra din il-marda, matul is-seklu dsatax il-gżejjer Maltin intlaqtu minn diversi epidemiji u mard. Semmi tnejn minnhom.

_______________________________ (1) _______________________________ (1)

5.7 Agħti raġuni waħda għaliex ħafna nies kienu jimirdu b'dan il-mard jew epidemiji.

_____________________________________________________________ (2)

**(13 -il marka)**

---

**SEZZJONI D**

6. Aqra dan il-paragrafu u wieġeb id-domandi kollha li hemm fil-paġna li jmiss. <??????

Matul il-gwerra (1940 - 1943) Ġanni, li kien *electrician,* kien impjegat mas-servizzi Ingliżi. Huwa kien jieħu ħsieb id-dwal tal-mitjar ta' Hal-Luqa u kien imħallas tajjeb. Wara l-gwerra Ġanni, li kellu familja ta' ħamest itfal, baqa' jaħdem mas-servizzi Ingliżi. Iżda billi l-Ingliżi bdew jagħtu s-sensji lil eluf ta' Maltin, Ġanni beda jitħasseb dwar il-futur tiegħu u ta' wliedu billi f'dak iż-żmien ma kienx hawn wisq fejn taħdem.

Minħabba dawn is-sensji u nuqqas ta' xogħol, eluf ta' Maltin bdew jemigraw lejn l-Awstralja. Il-Gvern Malti għen billi beda jikri l-vapur u jissussidja l-passaġġi ta' l-emigranti li għas-somma ta' £10 setgħu jemigraw lejn l-Awstralja. Wara li ddiskutew sewwa s-sitwazzjoni Ġanni u Ċetta ddeċidew li jemigraw lejn l-Awstralja biex uliedhom ikollhom futur aħjar.

Huma telqu minn Malta f'Novembru 1949, fost l-ilfieq ta' qrabathom speċjalment ta'omm Ċetta Lieni, mara anzjana ta' 75 sena. Meta waslu l-Awstralja Ċetta bdiet tikteb regolarment lil ommha u ma' kull ittra kienet tibagħtilha xi dollari Awstraljani. Dawn kienu jgħinu lil Lieni li kienet tgħix bir-*relief* biex tgħix aħjar.

6.1 Kif taħseb kienet il-qagħda f'Malta wara l-gwerra?

_______________________________________________ (2)

6.2 Ma' min kien jaħdem Ġanni?

_______________________________________________ (1)

6.3 Agħti raġuni waħda għaliex ħafna Maltin kellhom jemigraw wara l-gwerra.

_______________________________________________ (2)

6.4 Semmi żewġ modi kif il-Gvern Malti kien jgħin lill-emigrazzjoni.

_______________________________________________ (2)

6.5 Semmi tliet postijiet fejn emigraw ħafna Maltin wara l-gwerra.

______________ (1) ______________ (1) ______________ (1)

6.6 Semmi:

aspett negattiv (ħażin) ta' l-emigrazzjoni.

_______________________________________________ (2)

aspett pożittiv (tajjeb) ta' l-emigrazzjoni.

_______________________________________________ (2)

**(14 –il marka)**

---

**SEZZJONI E**

7. **Ħares sewwa lejn din l-istampa u wieġeb id-domandi kollha.**



7.1 F'din l-istampa qed tidher biċċa tal-baħar li minnhom kont tara ħafna fil-Port il-Kbir fl-ewwel nofs tas-seklu XIX. Ta' liema nazzjon hija din il-biċċa tal-baħar?

______________________________ (1)

7.2 Biex kienet tkun armata din il-biċċa tal-baħar?

______________________________ (1)

X' kien l-iskop tagħhom?

______________________________ (1)

7.3 Mit-tieni nofs tas-seklu dsatax 'il quddiem, biċċiet tal-baħar bħal dawn ma baqgħux jintużaw. Għaliex? ______________

______________________________ (2)

7.4 a) Fejn kienu jidħlu għat-tiswija tagħhom il-biċċiet tal-baħar indikati fl-istampa?

______________________________________________ (1)

b) Għid għaliex dan l-istabbiliment kien importanti ħafna għall-Maltin.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

c) Semmi ġrajja fis-seklu XIX jew XX li pprovdiet ħafna xogħol f'dan l-istabbiliment.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

8. Immarka tliet postijiet li għandhom rabta mal-biedja f'Malta. Agħmel sing taħt ir-risposta korretta. (Ħal Balzan, Is-Siġġiewi , Tas-Sliema, Valletta, L-Imġarr, Ir-Rabat) (1 x 3 = 3 marki)

9. Immarka tliet postijiet li għandhom rabta mas-sajd. Agħmel sing taħt ir-risposta korretta. (L-Imdina, Marsaxlokk, San Pawl il-Baħar, Birżebbuġa, In-Naxxar) (1 x 3 = 3 marki)

(16-il marka)

---

10. **Ikteb fit-tul fuq WAĦDA minn dawn li ġejjin**

10.1 X'għamlu l-Ingliżi matul is-seklu XIX biex isaħħu d-difiża tal-gżejjer Maltin?

10.2 Spjega t-titjib li sar fil-mezzi tat-trasport bl-art u bil-baħar matul l-aħħar 150 sena (1850 - 2000).

10.3 Immaġina li l-Ħadd mort għand in-nanna u rrakkuntatlek kif kienet il-ħajja hawn Malta qabel il-gwerra. Ikteb dak kollu li qaltlek.

10.4 a) X'tip ta' ekonomija kellha Malta fi żmien il-ħakma Ingliża? U x'kienet tfisser? (4 marki)

b) Għaliex riedet bilfors tinbidel din l-istruttura ekonomika? (8 marki)

ċ) X'tip ta' struttura ekonomika għandna llum u kif ġiet żviluppata? (8 marki)

**(20 marka)**

---

TMIEM